MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Numru 125/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs.**

**Alexandra Bonanno**

**Illum 7 ta' Marzu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alexandra Bonanno ta' 44 sena, bint Joseph u Salvina nee Busuttil, mwielda gewwa Pieta nhar it-02/05/1960, detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 311460M u residenti gewwa 9 Lulios, Triq l-Istazzjoni, Birkirkara giet akkuzata talli:

Nhar id-29 ta' Novembru 2004, gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda serqet minn gewwa l-hanut Marks & Spencer, Triq ix-Xatt, Sliema li jammontaw ghal Lm11 u minn gewwa l-hanut BHS< Triq ix-Xatt, Sliema affarijiet li jammontaw ghal Lm6, u dan ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hwienet;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtrat jew laqghet ghandha oggetti misruqa li l-valur taghhom ma jeccedix l-mitt Lira Matlin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li tkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok DZ3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ipsettur Daniel Zammit iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata li tirrigwarda ricettazzjoni hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u talab li l-qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputata ammettiet l-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputata rega' wiegeb li hi hatja ta' l-ewwel akkuza migjuba kontra tghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Alexandra Bonanno, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u li l-Ufficjal Prosekutur l-Ipsettur Daniel Zammit iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata ikkoperat mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx rerat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Rigward it-tieni akkuza, il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Daniel Zammit fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza stante li din l-akkuza, li tirrigwarda ricettazzjoni, inghata bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Alexandra Bonanno l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------